Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8945 — Permira/Cisco (Target Businesses))

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 185/07)

1. Fit-23 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Permira Holdings Limited ("Permira", ir-Renju Unit),

— Segmenti tan-negozju ta' Service Provider Video Software and Solutions ("SPVSS") ikkontrollati minn Cisco Systems, Inc. ("Cisco", l-Istati Uniti tal-Amerika),

Fondi ta' ekwità privata li huma finalment ikkontrollati minn Permira jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-interess ta' fl-operazzjonijiet, l-assi u l-entitajiet legali li jinkludu s-Service Provider Video Software and Solutions ("SPVSS").

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Permira: negozju ta' ekwità privata involut fil-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-investiment lil numru ta' fondi tal-investiment. Permira tikkontrolla għadd ta' kumpaniji ta' portafoll li huma attivi f'varjetà ta' setturi f'firxa ta' ġurisdizzjonijiet.

— is-Service Provider Video Software and Solutions ta' Cisco ("SPVSS"): tipprovdi teknoloġija u servizzi diġitali, inklużi soluzzjonijiet ta' reġistrazzjoni u proċessar tal-vidjow u servizzi ta' pjattaformi bbażati fil-cloud, lil fornituri tas-servizzi tat-televiżjoni diġitali bil-ħlas u lil fornituri tal-kontenut.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8945 — Permira/Cisco (Target Businesses)

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.